

IL-QORTI ĠENERALI

Sentenza tal-Qorti Ġenerali fis-27 ta' Ġunju 2012 — Hearst Communications vs UASI — Vida Estética (COSMOBELLEZA)

(Kawża T-344/09) ⁽¹⁾

(Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali COSMOBELLEZA — Trade marks nazzjonali u internazzjonali verbali u figurattivi preċedenti COSMO, COSMOPOLITAN, COSMOTEST, COSMOPOLITAN TELEVISION u THE COSMOPOLITAN SHOW — Trade marks mhux irreġistrati u ismijiet kummerċjali COSMO u COSMOPOLITAN — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Nuqqas ta' probabbiltà ta' konfużjoni — Nuqqas ta' xebh bejn it-trade marks — Artikolu 8(1)(b), tar-Regolament (KE) Nru 207/2009)

(2012/C 235/31)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Hearst Communications, Inc. (New York, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: A. Nordemann, C. Czychowski u A. Nordemann-Schiffel, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: inizjalment C. Bartos sussegwentement V. Melgar, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Vida Estética, SL (Barċelona, Spanja) (rappreżentant: A.I. Alejos Cutuli, avukat)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tal-4 ta' Ġunju 2009 (Każ R 770/2007-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Hearst Communications, Inc u Vida Estética, SL.

Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Hearst Communications, Inc. hija kkundannata għall-ispejjeż

⁽¹⁾ ĠU C 256, 24.10.2009

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' Ġunju 2012 — Bolloré vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-372/10) ⁽¹⁾

(“Kompetizzjoni — Akkordji — Suq tal-karta saħħara — Iffissar tal-prezzijiet — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 101 TFUE — Deċiżjoni meħuda wara l-annullament tal-ewwel deċiżjoni — Imputazzjoni tal-ksur lill-kumpannija parent, fil-kapaċità tagħha bħala awtur dirett — Legalità tar-reati u tal-pieni — Ċertezza legali — Individwalità tal-pieni — Smiġħ xieraq — Ugwaljanza fit-trattament — Terminu raġonevoli — Drittijiet tad-difiża — Multi — Preskrizzjoni — Ċirkustanzi attenwanti — Kooperazzjoni”)

(2012/C 235/32)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Bolloré (Ergué-Gabéric, Franza) (rappreżentanti: P. Gassenbach, C. Lemaire u O. de Juvigny, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: W. Mölls, F. Castillo de la Torre u R. Sauer, aġenti, assistiti minn N. Coutrelis, avukat)

Suġġett

Talba għall-annullament jew bidla tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2010) 4160 finali, tat-23 ta' Ġunju 2010, dwar proċedura skont l-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/36.212 — Karta saħħara).

Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Bolloré hija kkundannata għall-ispejjeż tagħha kif ukoll għal dawk tal-Kummissjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU C 301, 06.11.2010

Rikors ippreżentat fit-23 ta' Diċembru 2011 — H-Holding vs Il-Parlament

(Kawża T-672/11)

(2012/C 235/33)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: H-Holding AG (Cham, l-Isvizzera) (rappreżentant: R. Závodný, avukat)